MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 191/2014

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-esponenti izzewwget lil C B fit-2 ta’ Lulju 1994;

2. Illi l-partijiet bhalissa ghaddejin minn kawza ghal separazzjoni personali fl-ismijiet A B vs C B Cit. nru. 132/2010 AL quddiem l-Onor Imhallef Dr. A. Lofaro LL.D.;

3. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel li jishmu K B li llum huwa maggorenni;

4. Illi kull manteniment dovut qieghed jghaddi b’mod regolari u minghajr problem;

5. Illi l-esponenti ilha tghix separatament minn mar-ragel taghha C B sa minn Novembru 2009 ;

6. Illi llum il-gurnata ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet ;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju  skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talbet in vista tas-suespost li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex  :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg u cioe` d-divorzju bejn il-partijiet; a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap. 16 ta’ Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku

bid-divorzju tal-partijiet sabiex l-istess jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz tieghu ippremetta :

1) Illi l-esponent fl-ewwel lok jaghmel refrenza ghall-Artikolu 66 F(3) li jipprovdi ghal kazijiet bhala dak in ezami ossija fejn il-partijiet ikunu diga` qeghdin fi proceduri ta' separazzjoni (kawza fl-istess ismijiet premessi bin-numru 132/2010AL) u parti minflok taghzel illi taghmel talba ghal konverzjoni taghmel talba ghal divorzju:

*"Fejn l-ebda parti ma taghzel li tipprocedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diga` saret talba ghas-separazzjoni skont is-Sub_Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wiehed mill-partijiet , wara li tkun saret dik it-talba, jaghmel talba ghad-divorzju, it-talbiet ghas-separazzjoni u ghad-divorzju, f'kull kaz, ghandhom jinstemghu u jigu decizi flimkien mill-istess Qorti, b'dana illi l-konnessjoni tal-kawzi ghandha tigi applikata mill-qorti minghajr htiega li ssir ebda talba mill-partijiet."*

Illi ghalhekk skont l-imsemmi Artikolu 66F (3) it-talba odjerna ghal divorzju ghandha tigi mismugha u deciza flimkien mat-talba ta' separazzjoni u jkun hemm konnessjoni tal-kawzi. Illi l-esponent huwa tal-umli fehma illi din kienet ir-raguni 'l ghaliex dina l- Qorti kif diversament ippreseduta ordnat illi dan ir-rikors jigi quddiem dina l-Qorti kif ippreseduta stante illi l-procedura ta' separazzjoni qeghdin jinstemghu minnha.

2) Illi ghalhekk jsegwi illi fil-kaz odjern ghandu jigi applikat l-Artikolu 66F (3) hawn fuq citat. Illi jinghad umilment illi qabel ma jkun hemm il-hall taz-zwieg trid l-ewwel tigi likwidata l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma tistax tigi milqugha f'dan l-istadju. Illi jinghad illi r-rikorrenti ma' ghamletx talba ghax-xoljiment u likwidazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti izda ghamlet semplicement talba ghall-hall taz-zwieg liema talba hija insostenibbli f'dan l-istadju.

3) Illi in oltre dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konjizzjoni l-provi li qeghdin jinstemghu fil-kawza ta’ separazzjoni sabiex tigi ddeterminata l-kawza tat-tifrik taz-zwieg liema prova timpingi fuq ix-xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti qabel ma tiddikjara u tippronunzja t-talba ghad-divorzju.
4) Illi konsiderando s-suespost l-esponent m’ghandux jbati l-ispejjez ta’ din l-istanza.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Novembru, 2014;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ivverbalizzat illi tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Turner u illi l-intimat ma oggezzjonax ghal din it-talba u ghaldaqstant il-Qorti tilqa din it-talba u tordna notifika ta’ dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi l-Qorti rat ukoll li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet li bhalissa ghaddejin minn proceduri ghal separazzjoni personali quddiem din il-Qorti, ilhom de facto separati minn Novembru 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' Turner, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------